# In-Nies imutu u ż-Żmien jibqa' għaddej

*"Bil-qiegħda fuq il-ħerba mistoħbija*
*Tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha."*

(Dun Karm)

GHADDEW l-eluf ta' snin u l-Mewt, bla qatt ma tegħja jew tixjieħ, għadha tiġġerra ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, teqred u ġġarraf kull ma ssib quddiemha. Rajtha titwieled qalb il-ħdura ta' l-Orjent. Rajtha tħares b'ħarsa għajjura lejn l-ewwel żewġ ulied. Qabdet il-minġel li kien twieled magħha u resqet fuq l-iċken fost iż-żewġt aħwa. X'daħka ta' rebħa ħarġet minn fommha x'ħin rat l-ewwel qtar tad-demm iċarċar mix-xafra qerrieda. Xorbithom. Gieha bnin demm il-bniedem, u ġo fiha tnisslet ġibda qawwija li tisker b'demm uliedhom. Ħarġet mill-ġonna ta' l-Orjent u baqgħet issus wara pass il-bniedem. Għajruha u seħtuha. Nies talbuha ħniena u wegħduha ġidhom kollu, iżda xejn ma sata' jtaffi l-għatx imdemmem tagħha.

Daħlet ġo palazzi u serqet ħajjiet nobbli minn qalb il-ward u l-ġawhar. Daħlet fi djar fqajrin u qerdet kapijiet minn qalb il-għożża ta' wliedhom. Firdet qlub jinħabbu, ħasdet poeti li għannew bosta, iżda qatt ġiehha. Rajt suldati u baħħara kbar Ingliżi jitilgħu t-taraġ tal-Mewt u jħallu għonqhom taħt il-mannara. Rajt imperaturi u gwerrieri Rumani li, biex jisfidaw il-mewt, inxeħtu huma stess fuq ix-xwabel tagħhom. Rajt wieħed jitħabbeb mal-mewt; bniedem bla qalb u bla karattru. Kien Neruni jara 'l Ruma tinħaraq.

Id f'id mal-mewt għaddej iż-żmien, iġarraf djar, jeqred bliet u rħula, iwaqqa' imperi u b'sengħa ta' mgħallem jidfen kull tifkira ta' l-imgħoddi. Iżda ħanin rajtu ż-żmien, jixxotta d-dmugħ minn għajnejn miksura, iwennes qlub li ħabbew bosta, u jtaffi l-korla ta' nazzjon imgħaddba.

Haġa biss nixtieq ingħallmu ż-żmien, nixtieq ingħallmu jkaxkar il-pass, ħin il-hena u l-ġid u jħeff u jtir waqt il-ġuħ u n-niket. Nixtiequ jitnikker fuq il-ħajja ta' poeti u mużiċisti, u fuq il-ħajja ta' politiċi kbar. Id-dinja kienet tkun wisq iżjed għanja li kieku ż-żmien ma għaġġilx u għadda hekk malajr

minn fuq Keats u Chopin. Id-dinja kienet tkun wisq iżjed fil-paċi li kieku William Pitt għadu juri d-dinja l-politika tiegħu.

Iżda ż-żmien, bħall-mewt, ma jismax talb. Iż-żmien jibqa' għaddej u

"..............................il-mejta bla mibkija
Taħt il-ħerba taż-żmien baqgħet mirduma."

IMELDA VELLA.